**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 796/2021 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**-Vs-**

***-Omissis-***
**JUDA THADDEA BORG**
**WAYNE BORG**

**Illum, 9 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra *Omissis,* **JUDE THADDEA**[1] **BORG**, ta' 61 sena, bint George u Juda Theddea nee' Zammit imwielda nhar il-11 ta' Awwissu 1958, residenti ġewwa 75, San Gorg, Triq Frans Sammut Ħaż Żebbuġ u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 512958M u **WAYNE BORG** ta' 23 sena bin Paul u Juda Thaddea nee` Portelli, imwieled nhar it-18 ta' Diċembru, 1995, residenti ġewwa 75, San Ġorġ, Triq Frans Sammut, Ħaż Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12496M akkużati talli fil-31.07.2019 għall-ħabta ta' 19 :30hrs u/jew il-ħinijiet ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ :-

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-8 ta' Marzu 2023.

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Grech, hekk kif ċertifikat minn Dr Edward Cherbunio ;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara huwa iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250), iżda ma jiskorriex elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-Art. 383, Art 412Ċ tal-Kap 9 favur Mario Grech.

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2019 fejn il-Maġistrat sedenti ta' dak iż-żmien astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Rat id-digriet mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imħallef fit-23 ta' Diċembru 2019 ai termini tal-artikolu 11(9) tal-Kap. 12 u l-artikolu 520(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2021 fejn ġie ordnat li l-atti jintbagħtu lir-Reġistratur biex jiġu assenjati lil din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja stante illi bil-korrezzjoni fl-akkużi kif mitlub mill-Prosekuzzjoni, ir-reati jeżorbitaw mill-kompetenza ta' dik il-Qorti;

Rat id-digriet mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imħallef fit-2 ta' Novembru 2021 ai termini tal-artikolu 11(9) tal-Kap. 12 u l-artikolu 520(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali li permezz tiegħu l-atti ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkużi kif korretti, bil-ġurament, fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021;

Semgħet lill-imputati fl-eżami iwieġbu mhux ħatja;

Rat illi Mario Grech ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri fis-16 ta' Diċembru 2021;

Rat id-digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2023 fejn ġie ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn il-proċeduri fil-konfront ta' *Omissis* u l-proċeduri fil-konfront tal-ko-imputati l-oħra Juda Thaddea Borg u Wayne Borg;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2023 fejn laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali u ordnat il-korrezzjoni tal-isem tal-imputata Juda Theddea Borg b'dan illi kull fejn fl-atti proċesswali jidher l-istess "Juda Theddea Borg", dan jiġi jaqra "Juda Thaddea Borg";

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Ġunju 2023 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1), 216(2), 217, 218(1), u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputati waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju 2023 jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri rispettivi tal-Prosekuzzjoni u tal-imputat fis-seduta tal-25 ta' April 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lil kull imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Ta' sikwit, il-Qorti ssib quddiemha każijiet fejn il-fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji, bħall-każ li għandha quddiemha llum.

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[3] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[4]

---

[2] Deciza 9.7.2003.

[3] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

[4] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge*

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija fl-artikolu 633 u fl-artikolu 636 tal-istess Kodiċi, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin*

---

*may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

*mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[5]

Ikkunsidrat;

Illi peress li l-partijiet f'din il-kawża jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar il-fatti li taw lok għall-akkużi u għalhekk, id-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-ko-imputati f'din il-kawża tistrieħ fuq evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda – u dwar dan hemm qbil - ikun opportun li tiġi riprodotta qabel xejn is-sostanza tal-verżjoni tal-parti offiża u ta' kull wieħed mill-ko imputati kif jirriżulta mix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti.

**Mario Grech, il-parti offiża**, xehed[6] illi l-imputati jiġu l-ġirien ta' ibnu Norbert Grech, li joqgħod ġewwa l-fond 79, Triq Frans Sammut, Ħaż Żebbuġ. Fil-31 ta' Lulju 2019 huwa kien qed jobrox il-ġir tal-ħajt fil-kamra tal-banju tad-dar ta' ibnu, bil-grinder, għall-ħabta tal-4.15 p.m., u kien liebes maskra u goggle u kif neħħa l-goggles minn ma' wiċċu jsib quddiemu lil *Omissis* li kien daħal ġewwa d-dar madwar tletin pied mill-bieb ta' barra, dan minkejja li huwa kien għalaq il-bieb ta' barra. Meta staqsih x'kien qed jagħmel fid-dar, *Omissis* wieġbu li jagħmel li jrid u meta qallu biex jaqbiżlu 'l barra, *Omissis* qallu li hemmhekk mhux ħwejġu u qabad xkupa, kisser iz-zokk u beda jxejjru. Hu nħasad għaliex ma kienx qed jistenna dan l-aġir, u pprova jiddefendi ruħu b'idejh.

Fil-pront daħlu t-tifel u l-mara ta' *Omissis* u *Omissis* qal lit-tifel, b'riferenza għall-imputat Wayne Borg, biex jaqbad l-invell. Wayne Borg fil-fatt qabad l-invell u tah żewġ daqqiet bih fuq rasu ("*Hu hu xarrabhieli jiġifieri*") u fetaħlu moħħu fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Imbagħad spiċċaw it-tlieta qabżu fuqu, tefgħuh mal-art, b'*Omissis* u l-imputat Wayne Borg jagħtuh bil-ponn kullimkien u hu beda jipprova

[5] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[6] Xhieda tas-16 ta' Diċembru 2021.

jiddefendi ruħu b'idejh u b'saqajh biex jilqa' għad-daqqiet, fejn *Omissis* kien qed jipprova jolqtu biz-zokk tal-ixkupa f'rasu u wiċċu iżda rnexxielu jdawwar wiċċu u jiżgiċċah. L-imputata Juda Thaddea Borg u dak il-ħin waqt li kien mal-art, kienet qiegħda wkoll iżżommlu saqajh u ttih daqqiet b'saqajha u tatu wkoll daqqa fil-parti privata tiegħu b'irkopptejha, u kienet qiegħda wkoll tidgħi u toffendih bi kliem oxxen. Dan kollu minkejja li lanqas kien jafhom lill-imputati ħlief minn wiċċhom u qatt ma kienx iltaqa' magħhom. Imbagħad fil-pront *Omissis* qal lit-tifel tiegħu biex jitilqu 'l barra u t-tlieta ħarġu mid-dar.

Sussegwentement, wasal fuq il-post ibnu Norbert Grech u ħadu l-Polyclinic ta' Ħal Qormi fejn sarulu punti f'moħħu quddiem u wara, u wara mar jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż Żebbuġ.

**Norbert Grech**, iben il-parti offiża, xehed illi kien qed jipprova jċempel lil missieru li kien id-dar tiegħu jagħmel xi xogħolijiet, iżda ma bediex iwieġbu u għalhekk qabad it-triq biex imur sad-dar għaliex beda jinkwieta. Fil-frattemp, missieru wieġbu u qallu li kienu daħlu fuqu fid-dar. Meta wasal, daħal fid-dar mill-bieb ta' wara u ra lil missieru mixħut fuq siġġu rasu lura, b'xugaman f'idu jipprova jgħatti l-ferita li kellu fuq moħħu, filwaqt li ra illi fuq in-naħa ta' wara ta' rasu missieru kellu ferita ikbar. Huwa kien sab invell bid-demm fuqu, bejn il-kċina u l-living room u kien ħa ritratti ta' dawn l-oġġetti (Dok. NG4 u Dok. NG5) kif ukoll lasta ta' xkupa maqsuma li wkoll ħadilha ritratt (Dok, NG6 u Dok. NG7 u Dok. NG8).

**L-imputata Juda Thaddea Borg**, quddiem il-Qorti xehdet illi xi ħadd beda juza makkunkarju tqil fid-dar li tiġi bieb ma' bieb magħhom, liema dar huwa tat-tifel ta' Mario Grech. B'dan il-makkinarju kien qed itaqqab il-ħajt tal-appoġġ u l-madum fil-kċina tagħha beda joħroġ 'il barra. Hi ħarġet fil-bitħa biex tgħajjatlu u mbagħad waslu d-dar r-raġel tagħha *Omissis* bit-tifel tagħhom Wayne Borg u żewġha ħareġ fil-parapett jgħajjatlu iżda għalxejn. Mar ukoll tliet darbiet iħabbat fuq il-bieb tad-dar ukoll għalxejn, u mbagħad ħareġ u ma ġiex lura. Għalhekk marret ħarġet fit-triq biex tara x'ġara u fejn kien ir-raġel u rat il-bieb tad-dar ta' maġenbhom miftuħ u ġewwa rat

lir-raġel tagħha mal-art u rat lil Mario Grech itih. Hi daħlet ġewwa għand Mario Grech u marret biex tipprova teħodlu l-injama li kien qed isawwat lir-raġel biha, iżda waqagħha ma' l-art u beda jagħtiha bl-injama, fejn kellha sidirha u koxxtejha kollha tbenġil. Imbagħad ġie t-tifel Wayne għaliex ra lilha u lil missieru mal-art, u huma qamu biex joħorġu 'l barra u f'daqqa waħda, rat lil Mario Grech jaqa' mal-art fil-ġebel u l-art imħarrbta u waqa' fuq il-fallakka. Insistiet li ħadd ma kien imbottah u waqa' waħdu. Hi ma għamlitlu xejn u ma rat ebda ħsara fil-bieb u meta daħlet fid-dar, il-bieb kien miftuħ beraħ. Esebiet sett ta' ritratti (Dok. JBT1 sa Dok. JBT6) liema ritratti qalet li ttieħdu dakinhar stess.

**L-imputat Wayne Borg** xehed illi wasal id-dar mill-airport bejn l-4 u l-4.30 p.m. u sema' ħoss ta' jigger mal-ħajt. Waqt li kien qed ibattal il-bagalji tiegħu, sema' lil ommu tgħajjat mill-bogħod u ħareġ 'il barra fit-triq. Hemmhekk, jara l-bieb tal-ġirien, ta' Norbert Grech, miftuħ u kif daħal mill-bieb jara lil missieru mal-art u Mario Grech jagħti lil ommu b'injama. Kellu zappun f'idejh u meta mar biex iwaqqfu, Mario Grech beda jagħti lilu u laqtu f'sidru u f'wiċċu. Huwa pprova jwaqqfu u tah lura bil-ponn. Xehed ukoll illi Mario Grech tfixkel fil-ġebel u l-knatan u waqa' fuq il-fallakka u ħabat rasu u mbagħad qam u pprova jerġa' jagħti lil ommu bis-sieq, u hu u missieru żammewh. Imbagħad qamu u kif kienu ħerġin Mario reġa' imbotta lil missieru minn daharu u missieru ġibed il-bieb warajh. Għaraf ir-ritratt Dok. JBT4 bħala ritratt li juri lilu bil-ferita li qala' biz-zappun fuq moħħu. Wayne Borg ikkonferma illi minn x'ħin daħal fid-dar tal-ġar, l-inċident dam biss żewġ minuti jew tlieta.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi biex tevalwa l-kredibbilita' tax-xhieda għandha tibda biex tagħmel riferenza għal dak li ġie mistqarr mill-imputata fl-istqarrijiet li kienu rrilaxxaw fit-3 ta' Awwissu 2019 u l-5 ta' Awwissu 2019 rispettivament waqt l-interrogazzjoni. Tosserva illi ż-żewġ imputati Juda Thaddea Borg u Wayne Borg ċaħdu illi xi ħadd minnhom ta lil Mario Grech b'xi għodda jew xort'oħra, ħlief għal Wayne Borg li fl-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija fit-3 ta' Awwissu 2019, stqarr li meta mar iferraq lil Mario

Grech milli jkompli jagħti lil ommu u lil missieru, huwa tah b'zappun u bil-manku u laqtu f'sidru u f'idejh, u huwa kien ta lura bil-ponn fejn hemmhekk Mario Grech waqa' mal-art. Stqarr ukoll illi hu u missieru żammewh mal-art u Mario Grech beda jipprova jagħti bis-sieq lil ommu Juda Thaddea Borg u mbagħad telqu meta laħaq ikkalma.

Da parti tagħha, Juda Thaddea Borg stqarret mal-Pulizija fil-5 ta' Awwissu 2019 illi meta marret fir-residenza tal-ġirien sabet lil żewġha, *Omissis*, mal-art u Mario Grech qed jagħtih b'lasta jew injama u meta marret twaqqfu, beda jagħti lilha bl-injama fejn laqatha f'sidirha u f'idejha u waqgħet mal-art u beda jagħtiha bis-sieq. Meta binha Wayne Borg ipprova jwaqqaf lil Mario Grech milli jibqa' jagħtiha, Mario ħebb għalih ukoll, f'liema waqt *Omissis* qam minn mal-art u pprova jwaqqaf lil Mario milli jħebb għat-tifel. F'dan l-istadju Mario Grech tgerfex u waqa' mal-art u huma telqu 'l barra iżda laħaq qam u imbotta lil *Omissis* li madankollu, ma waqax.

Tosserva wkoll li fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom, l-imputati ma jaqblux bejniethom dwar kif Mario Grech spiċċa waqa' fl-art. Filwaqt li Wayne Borg iddikjara li Mario Grech waqa' fl-art wara li kien tah lura bil-ponn, Juda Thaddea Borg stqarret li l-parti offiża kien tgerfex fit-terrapien u l-ġebel li kien hemm fl-art, u kien b'hekk li waqa' fl-art. Tinnota wkoll li l-imputat Wayne Borg ikkontradixxa din l-istqarrija tiegħu meta xehed quddiem il-Qorti għaliex fix-xhieda tiegħu tenna l-verżjoni ta' ommu li Mario Grech waqa' fl-art għaliex tgerfex fil-ġebel, mhux għaliex kien tah daqqa ta' ponn u waqqgħu. L-imputata Juda Thaddea Borg għamlet enfasi ċara fix-xhieda tagħha meta saħqet illi Mario Grech tfixkel u waqa' waħdu, mingħajr ħadd ma kien imbottah, u meta waqa', ħabat rasu mal-fallakka. Din il-verżjoni mbagħad ġiet imtennija minn Wayne Borg fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti fejn, b'kuntrast ma' dak li kien ġie mistqarr minnu lill-Pulizja fit-3 ta' Awwissu 2019, qal li Mario Grech waqa' fil-ġebel u l-knaten fuq il-fallakka u ħabat rasu.

Kieku l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-imputati, trid temmen illi ħadd ma ta lil Mario Grech waqt it-taqtigħa u li Mario Grech weġġa' biss għaliex tfixkel f'saqajh,

waqa' u ħabat rasu mal-fallakka li kien hemm fl-art. Iżda l-Qorti ma temminx din il-verżjoni. Ibda biex l-imputati kif ukoll *Omissis* daħlu fid-dar tal-ġirien, fejn kien qed jaħdem Mario Grech. Biex għamlu dan, xi ħadd b'xi mod irnexxielu jiftaħ il-bieb liema bieb il-Qorti fehmet li kien magħluq. Tant hu hekk illi l-imputata Juda Thaddea Borg xehdet illi żewġha kien mar tliet darbiet biex iħabbat il-bieb tal-ġirien iżda għalxejn. Meta mbagħad żewġha ma ġiex lura u marret tara fejn kien mar, Juda Thaddea Borg xehdet li rat lil żewġha ġewwa d-dar fejn kien qed jaħdem Mario Grech. Għall-Qorti dan ma jistax ħlief ifisser li xi ħadd irnexxielu jiftaħ il-bieb ta' barra, persuna li ma jidhirx li kien Mario Grech innifsu. Anke jekk tassew il-parti offiża kien qed jagħmel l-istorbju u possibbilment ukoll il-ħsara fil-proprjeta' tal-imputati bl-għodda li kien qed juża fil-ħajt tal-appoġġ, l-inferenza ta' fatt innegabbli hi li l-imputati effettivament daħlu fid-dar tal-ġirien minn bieb li kien magħluq, meta evidentement ma kienux mistednin jagħmlu dan, bil-konsegwenza li Mario Grech, kif del resto xehed huwa stess, inħasad. F'dan il-kwadru ta' ċirkostanzi huwa ovvju li l-intromissjoni tal-imputati fil-proprjeta' ta' maġenbhom ma seħħitx b'mod seren u amikevoli u l-Qorti ma tqisx li huwa verosimili l-verżjoni illi meta l-imputati daħlu, rispettivament, fid-dar, sabu lil Mario Grech jattakka lil *Omissis* u lill-imputata Juda Thaddea Borg. Il-Qorti qajla tista' tqis bħala kredibbli x-xhieda ta' Wayne Borg li huwa sema' lil ommu tgħajjat mill-bogħod minn ġol-kamra tiegħu iżda l-għajjat ta' ommu u missieru mill-parapett u l-bitħa biex iwaqqfu lil Mario Grech milli jkompli jagħmel l-istorbju u l-ħsara, donnu ma kienx semgħu. Il-Qorti temmen illi ebda wieħed mill-imputati li għandha quddiemha ma daħal fir-residenza ta' Mario Grech għaliex ħaseb li xi ħadd minnhom jew tal-familja tagħhom kellu bżonn l-ajjut, iżda hija konvinta li huma daħlu biex iwaqqfu lil Mario Grech milli jagħmel storbju u ħsara, u li daħlu bil-herra u mhux bil-kelma t-tajba, u li ħasdu lil Mario Grech.

Barra dan il-fatt illi l-Qorti ma setgħetx ma tosservax li l-komportament tal-imputat Wayne Borg fuq il-pedana tax-xhieda kien ta' persuna li studja kelma b'kelma l-verżjoni li kellu jirrepeti tant illi meta sarulu domandi mhux previsti, tfixkel u kellu jieqaf u jaħseb biex jipprova jiftakar x'irid jgħid. Fil-fatt, il-verżjoni tiegħu li huwa qala' daqqiet mingħand Mario Grech, tikkozza ftit jew wisq max-xhieda ta' ommu l-

imputata Juda Thaddea Borg illi mkien, la quddiem il-Qorti u lanqas fl-istqarrija tagħha, ma qalet li kienet, f'xi waqt, rat lil binha jaqla' daqqiet mingħand Mario Grech b'xi zappun jew injama.

Ukoll, b'riferenza għar-ritratti li ġew esebiti minn Juda Thaddea Borg fid-depożizzjoni tagħha, senjatament Dok. JBT2 u Dok. JBT3, il-Qorti tosserva illi dawn xejn m'huma ċari u lanqas jista' jiġi identifikat b'xi qies ta' ċertezza l-parti tal-ġisem li tidher fir-ritratti u l-identita' tal-persuna li tidher fl-istess ritratti. Inoltre, jiġi osservat illi in kwantu għar-ritratt Dok. JBT4, li fih jidher l-imputat Wayne Borg, l-istess imputat fl-istqarrija li kien irrilaxxa fit-3 ta' Awwissu 2019 ċioe' tliet ijiem biss wara l-inċident, imkien ma semma li Mario Grech kien tah daqqa f'moħħu. Fil-fatt huwa kien stqarr li Mario Grech laqtu b'daqqa tal-manku taz-zappun biss f'sidru u f'idejh u f'ebda waqt ma lmenta b'ferita f'moħħu.

Il-Qorti rat il-feriti li ġarrab Mario Grech f'rasu u tqis illi anke in kwantu l-pożizzjoni tal-feriti, dawn huma kompatibbli ma' daqqa b'oġġett iebes u mhux sempliċi daqqa ta' ponn. Dan qed jingħad ukoll għaliex kif xehed Dr. Gary Magri Gatt il-laċerazzjoni fuq il-moħħ kienet forma ta' "V" skont kif del resto jidher fir-ritratti Dok. NG1 u r-ritratti fuq paġna 168A u paġna 169 tal-atti tal-kompilazzjoni. Għall-Qorti din il-laċerazzjoni m'hijiex kompatibbli ma' waqgħa fl-art riżultat ta' tfixkil tas-saqajn, iżda ma' daqqa b'oġġett iebes li evidentement, biex għamel ferita forma ta' "V", kellu x-xfar angolati jew ippuntati.

L-imputati xehdu illi Mario Grech waqa' lura, mingħajr ma kien imbottat, meta tfixkel fil-ġebel u knatnen li kien hemm fl-art u kien hawn li ħabat rasu mal-fallakka li kien hemm fl-art. Fil-fatt, din il-fallakka nstabet bid-demm fuq il-post minn Norbert Grech bid-demm fuqha (ara Dok. NG1). Iżda jekk dan huwa minnu, u Mario Grech tassew ġarrab il-ferita miftuħa fuq il-qurriegħa tar-ras meta għal xi raġuni waqa' lura u ħabat rasu mal-fallakka, allura jkun ifisser ukoll illi ma setax ukoll iġarrab il-ferita fuq moħħu b'riżultat tal-istess waqgħa u tisbit tar-ras mal-fallakka. Minn dan jikkonsegwi illi l-ferita fuq moħħ Mario Grech iġġarrbet, neċessarjament, b'riżultat ta' daqqa

separata, b'oġġett iebes, daqqa b'saħħitha li qasmet il-ġilda u kellha bżonn tingħalaq bil-punti.

Fil-fehma tal-Qorti, iż-żewġ feriti li ġarrab fuq rasu Mario Grech jorbtu sfiq maż-żewġ daqqiet tal-invell li huwa xehed bla tlaqliq illi qala' fuq rasu, quddiem u wara, mill-imputat Wayne Borg, liema invell instab sewwasew fuq il-post bid-demm fuqu, skont kif ġie konfermat minn Norbert Grech fix-xhieda tiegħu, fejn esebixxa wkoll ritratt Dok. NG5.

Iżda anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat għal mument illi l-ferita fuq il-qurriegħa tar-ras kienet ir-riżultat tal-fatt li Mario Grech ħabat rasu mal-fallakka meta għal xi raġuni waqa' lura, kif xehdu ż-żewġ imputati, il-Qorti xorta waħda ma tqisx li l-verżjoni tal-imputati li huwa waqa' lura għaliex tgerfex fil-ġebel, bħala waħda kredibbli u verosimili. Tfakkar li Wayne Borg kien stqarr mal-Pulizija li Mario Grech waqa' fl-art għaliex kien tah daqqa ta' ponn u mkien ma kien semma li huwa kien tgerfex fil-knaten li kien hemm fl-art. Din il-verżjoni qalha biss fix-xhieda tiegħu. F'kull każ, il-Qorti qajla tqis bħala attendibbli l-ipotesi li Mario Grech, raġel ta' iktar minn sittin sena, seta' jattakka u jweġġa' tliet persuni li talanqas wieħed minnhom daħal bil-forza fil-post fejn kien qed jaħdem, mingħajr ma qala' ebda daqqa kwalsiasi u weġġa' biss għaliex tifxkel fil-ġebel li kien hemm fl-art mingħajr ma ntmess jew ġie imbottat kif ġie asserit mill-imputat fix-xhieda tagħhom. Hija ferm u ferm iktar verosimili l-istqarrija ta' Wayne Borg li Mario Grech waqa' lura għaliex tfixkel fil-ġebel bid-daqqet tal-ponn li qala' mingħandu stess.

Il-Qorti għalhekk temmen il-verżjoni ta' Mario Grech u mhux il-verżjoni tal-imputati, li mkien ma tfisser raġjonevolment u sal-grad tal-probabbli, kif l-istess parti offiża seta' subixxa żewġ qasmiet fuq żewġ partijiet differenti ta' rasu mingħajr ma ġie msawwat bl-ebda mod.

Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni ta' Mario Grech safejn xehed illi qala' żewġ daqqiet fuq rasu mingħand l-imputat Wayne Borg bl-invell, fuq struzzjonijiet ta' *Omissis*, ma

ġietx kuntrastata b'mod serju u effettiv u l-Qorti ma għandha ebda riżerva biex mill-ġabra kollha tal-evidenza tagħti affidabbilita' sħiħa lix-xhieda ta' Mario Grech illi huwa ġie aggredit ġewwa d-dar ta' ibnu b'żewġ daqqiet ta' invell u daqqiet ta' ponn li qala' mingħand *inter alia,* l-imputat Wayne Borg.

**Il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputati, liema verżjoni teskludi li l-parti offiża qala' daqqiet fuq rasu mingħand xi ħadd waqt it-taqbida. Fil-fehma tagħha, il-verżjoni ta' Mario Galea kienet konsistenti mill-bidu sal-aħħar fl-aspetti kollha tagħha, u l-kredibbilita' tiegħu ma ġietx imnaqqxa bl-ebda mod, kuntrarjament għall-verżjoni tal-imputati li kif rajna, la hi konsistenti u lanqas attendibbli. M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi b'mod raġjonevoli u probabbli l-verżjoni ta' Mario Grech f'xi partikolarita' materjali, u m'hemm xejn lanqas li tinstawra xi dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni tiegħu, kif korroborat mir-ritratti li ġew prodotti minn Norbert Grech u min-natura tal-offiżi li ġew riskontrati fuq rasu. Fuq kollox, kif rajna, l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi x-xhieda ta' xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi.**

Għaldaqstant, il-Qorti tagħżel li temmen il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni dwar x'wassal biex il-parti offiża spiċċa ġarrab l-offiżi f'rasu u tirravviża fil-provi tal-Prosekuzzjoni dik is-suffiċjenza probatorja li twassalha biex tkun sikura dwar il-ħtija tal-imputat Wayne Borg għall-offiżi subiti fuq ras il-parti offiża.

Ikkunsidrat;

In kwantu għar-rwol ta' Juda Thaddea Borg, il-Qorti tosserva illi Mario Grech ma attribwixxa l-ebda offiża partikolari lill-imputata u meta ġie magħfus fil-kontro-eżami biex jippreċiża jekk kienetx tatu xi daqqiet u fl-affermattiv, f'liema parti ta' ġismu kienet laqtitu, huwa wieġeb illi kienet tatu daqqa ta' irkoppa fil-ġenitali tiegħu. Madankollu, Mario Grech ma jidhirx li kien ilmenta b'xi ferita u lanqas b'xi uġigħ f'din il-parti ta' ġismu u ma jirriżultax lanqas illi fir-rigward kien ġibed l-attenzjoni

tat-tabib li eżaminah dakinhar stess. Il-Qorti ma riskontrat ebda ferita minn dawk li xehed dwarhom Dr. Gary Magri Gatt u li ġew dokumentati fiċ-ċertifikat mediku f'paġna 24 tal-atti tal-kompilazzjoni, li tista' tiġi attribwita lill-azzjonijiet tal-imputata Juda Thaddea Borg li xehed dwarhom Mario Grech. Fil-fatt, ma jirriżultax li l-azzjonijiet tagħha, konsistenti f'daqqa ta' irkoppa fil-ġenitali u daqqiet tas-sieq f'partijiet minn ġismu mhux speċifikati, huma kompatibbli ma' selħa fuq l-imnieħer u ma' tbenġila fuq il-widna, u għalhekk, fin-nuqqas ta' provi konklussivi li juru li xi waħda minn dawn il-feriti appena msemmija hija attribwibbli lil Juda Thaddea Borg, il-Qorti ma tistax issibha ħatja li volontarjament ikkaġunat xi offiża fuq il-persuna ta' Mario Grech.

Għaldaqstant, huwa l-imputat Wayne Borg biss li sejjer jinstab li kkaġuna offiżi volontarji fuq il-persuna ta' Mario Grech.

Imiss għalhekk li jiġi stabbilit in-natura tal-offiżi mġarrba minn Mario Grech: jekk humiex offiżi ta' natura gravissima, gravi jew sempliċement ħafifa.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-artikolu 218(1) u l-artikolu 218(2) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jipotetizza l-offiża hekk imsejħa 'gravissima' li ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż. Indika wkoll l-artikolu 216(1)(2) tal-Kap. 9 li jipotetizza l-offiża 'gravi'.

Biex il-Qorti tista' tasal biex issib ħtija għar-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kap. 9, trid ikollha ċ-ċertezza morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-offiżi li ġarrbet il-vittma jirrientraw f'waħda minn dawk l-offiżi prospettati espressament mill-imsemmija dispożizzjonijiet legali, u biex l-offiża titqies bħala sfreġju a tenur tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9, irid jiġi riskonstrat ukoll l-element ta' permanenza u gravita' tal-istess offiża.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[7]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

---

[7] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Il-feriti li ġarrab Mario Grech ġew osservati minn ibnu Norbert Grech biss ftit minuti wara l-inċident, u wkoll minn PS 1255 Christian Azzopardi li rċieva r-rapport ta' Mario Grech ftit tal-ħin biss wara l-inċident, għall-ħabta tas-7.30 p.m. Dawn il-feriti ġew ċertifikati wkoll minn Dr. Gary Magri Gatt li eżamina lil Mario Grech fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi fis-6.45 p.m. Hu xehed illi rriskontra "*v-shaped laceration*" fuq moħħ il-pazzjent u laċerazzjoni oħra fuq il-qurriegħa tar-ras[8], liema laċerazzjonijiet ingħalqu bil-punti, tbenġila fuq widnejh tal-widna x-xellugija, u tbenġila kif ukoll selħa superfiċjali fuq l-imnieħer.

Dr. Edward Cherubino li nħatar bħala espert mediku ġudizzjarju permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-14 ta' Lulju 2021, liema ħatra ġiet riaffermata minn din il-Qorti fit-12 ta' Settembru 2022, bl-inkarigu li jeżamina lill-parti offiża. Huwa xehed li eżamina lil Mario Grech fit-2 ta' Ottubru 2021, ċioe' sentejn u tliet xhur wara l-inċident, fejn irriskontra ċikatriċi fuq moħħu twila żewġ ċentimetri, liema ċikatriċi hija permanenti[9], kif ukoll ċikatriċi oħra fuq il-qurriegħa tar-ras naħa tal-lemin, ta' 3.5 ċentimetri li wkoll hija permanenti[10] u kkonferma illi dawn iż-żewġ offiżi huma ta' natura gravi. (Dok. EC1)

Għaldaqstant, jeħtieġ illi jiġi stabbilit jekk l-offiżi subiti, senjatament dawk fuq ras il-parti offiża, konsistenti f'żewġ laċerazzjonijiet miftuħin waħda fuq il-moħħ u l-oħra fuq il-qurriegħa tar-ras, humiex offiżi gravi kif ukoll permanenti kif qed jiġi asserit mill-Avukat Ġenerali.

Skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9, l-offiża hija gravi:

"*jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż*".

[8] "*occipital area of scalp*".

[9] Din tidher fir-ritratt f'paġna 169 tal-atti tal-kompilazzjoni, formanti parti mir-relazzjoni Dok. EC1.

[10] Din tidher fir-ritratt f'paġna 170 tal-atti tal-kompilazzjoni, formanti parti mir-relazzjoni Dok. EC1.

- **Ċikatriċi fuq il-Moħħ**

Iċ-ċikatriċi riskontrata fuq moħħ il-parti offiża u kwindu fuq wiċċu, hija permanenti, kif ġie ċertifikat minn Dr. Edward Cherubino l-espert ġudizzjarju, fir-relazzjoni tiegħu. Fil-fatt, kienet għadha tidher sentejn u tliet xhur wara l-inċident u dan skont kif jidher fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni Dok. EC1 u għall-Qorti hu ovvju li din tikkostitwixxi sfreġju, għaliex tħassar ir-regolarita' tal-lineamenti tal-wiċċ tal-parti offiża. Madankollu, il-Qorti ma tistax taqbel illi ċ-ċikatriċi hija wkoll gravi fis-sens maħsub mill-artikolu 218 tal-Kap. 9. **Fil-fatt, għalkemm din baqgħet tidher u m'hijiex serja tfiq, ma jirriżultax b'mod konklussiv li din li ċ-ċikatriċi ħalliet marka fil-fond li tista' titqies bħala gravi**. Il-Qorti għalhekk m'hijiex konvinta illi f'din iċ-ċikatriċi hija riskontrabbli l-offiża gravissima maħsuba fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 iżda l-offiża maħsuba fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 u dan id-dan id-dubju għandu jibbenefika minnu l-imputat.

Ġie ritenut:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju ... fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta,* ***abbinata mal-gravita'****, taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[11] (enfasi tal-Qorti)

Iżda kif rajna, l-Avukat Ġenerali indika wkoll l-artikolu 216(1) tal-Kap. 9 fir-rigward tan-natura tal-offiżi volontarji sofferti mill-parti offiża, liema artikolu jipotetizza l-isfreġju fuq il-wiċċ, l-idejn jew l-għonq tal-vittma.

---

[11] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[12] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jiffigura bħala sfreġju għall-fini tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma. Il-liġi trid illi l-offiża li timmanifesta ruħha f'peġġorament viżibbli – ossia sfreġju - tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, titqies bħala offiża ta' natura gravi. **Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari għaliex dak li hu importanti hu li l-ħsara li tkun ġiet imġarrba tirrientra fit-tifsira ta' "sfreġju".**

Il-Qorti wara li rat illi hu stabbilit mill-provi illi l-parti offiża sofra laċerazzjoni fil-wiċċ ossia fuq moħħu, liema offiża hija viżibbli (u wkoll permanenti), tqis illi l-offiża in diżamina tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Hija xi ħaġa ovvja li ferita fil-wiċċ, b'mod partikolari laċerazzjoni, dejjem ser issarraf f'imperfezzjoni fir-regolarita' tal-wiċċ u tkerrih tad-dehra tal-wiċċ, irrispettivament mill-permanenza o meno tagħha u minkejja wkoll il-fatt illi kieku din l-offiża ġġarrbet fuq parti oħra tal-ġisem tal-vittma mhux imsemmija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, kienet tiffigura bħala offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9**. Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih viżibbli (anke temporanju) tad-dehra tal-wiċċ tal-vittma.

- **Ċikatriċi fuq il-Qurriegħa tar-Ras**

L-offiżi l-oħra dokumentati minn Dr. Gary Magri Gatt, senjatament iċ-ċikatriċi fuq il-qurriegħa tar-ras li kif rajna ġie ppruvat li ġie inflitt mill-imputat Wayne Borg, ma

---

[12] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

jiffiguraw f'ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 218 u l-artikolu 216 tal-Kap. 9 u għalhekk, billi ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi maħsuba fl-artikoli tal-liġi appena msemmija, għandha titqies bħala offiża ta' natura ħafifa a tenur tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9

Ikkunsidrat;

L-imputati ġew mixlija wkoll bir-reat ta' ħsara volontarja taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Norbert Grech xehed illi meta wasal fuq il-post, kien innota illi l-bieb ta' barra tad-dar tiegħu kien sgassat u ma setax jingħalaq b'xejn u kellhom jagħlquh b'zappun mal-bieb minn ġewwa biex ma jkunx jista' jinfetaħ lura. Kien hemm ħsara wkoll fiċ-ċaċċiż li kien maqlugħ (Dok. NG10 u Dok. NG11). Ikkonferma wkoll illi għalkemm kien kiseb stima ta' bieb ġdid mingħand il-mastrudaxxa l-għada tal-inċident[13], billi kien bagħtlu ritratti tal-ħsara fil-bieb, il-bieb ġdid qatt ma sar u kienet ġiet imsewwija biss il-ħsara li kien hemm. Dawn it-tiswijiet saru mill-mastrudaxxa Anthony Vassallo għall-prezz ta' €450[14]. Norbert Grech xehed ukoll illi b'żieda ma' dawn it-tiswijiet, huwa kellu jixtri serratura ġdida bil-prezz ta' €296.49 (riċevuta Dok. NG16) kif ukoll żebgħa li parti minnha ntużat biex jinżebagħ il-bieb ta' barra li ġarrab il-ħsarat f'dan l-inċident[15].

Il-Qorti madankollu m'hijiex sodisfatta illi kienu l-imputati odjerni li kienu għamlu l-ħsara fil-bieb. Hemm qbil illi l-ewwel ma daħal fid-dar ta' Norbert Grech kien *Omissis* li Mario Grech xehed li kien sabu ma' wiċċu għalkemm il-bieb ta' barra kien magħluq. Xehed ukoll illi l-imputati Wayne Borg u Juda Thaddea Borg daħlu fid-dar biss wara, meta *Omissis* kien diġa' qed jheddu u ħebb għalih bil-lasta tal-ixkupa li kien kissirha quddiemu. Dan kif del resto ġie affermat mill-imputati nfushom fix-

[13] Ara stima Dok. NG12 fis-somma ta' €2,100 inkluż VAT.
[14] Ara prospett ta' xogħol ta' tiswija, Dok. NG15 u riċevuta Dok. NG16, kif ukoll xhieda ta' Anthony Vassallo, 2 ta' Mejju 2023.
[15] Riċevuta Dok. NG17. Ara wkoll xhieda ta' Yani Ellul, 2 ta' Mejju 2023.

xhieda tagħhom. Juda Thaddea Borg xehdet illi hija marret tfittex lil żewġha *Omissis* meta rat li ma kienx ġie lura wara li kien mar iħabbat fuq il-bieb tal-ġirien u sabet il-bieb miftuħ, filwaqt li l-imputat Wayne Borg xehed illi huwa kien sema' lil ommu tgħajjat fit-triq u meta niżel barra baqa' dieħel fid-dar tal-ġirien għaliex il-bieb kien miftuħ. Ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi jekk tassew il-bieb ġarrab xi ħsarat, kienu l-imputati u mhux xi ħaddieħor li wettqu din il-ħsara. Kemm hu hekk, ma kien hemm ebda xhud okulari apparti l-vittma nnifsu, li ra l-inċident iseħħ u f'dan il-kwadru ta' fatti, meta ħadd, lanqas Mario Grech innifsu, ma xehed li ra lil xi ħadd mill-imputati jisgassa jew xort'oħra jgħarraq il-bieb ta' barra, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputati odjerni jew xi wieħed jew waħda minnhom, għar-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat Wayne Borg u għalhekk m'hijiex sejra teroga piena ta' priġunerija effettiva. Ikkunsidrat ukoll il-gravita' tal-feriti subiti minn Mario Grech li ġie aggredit f'daru stess minn persuni li daħlu fuq bil-forza. Ukoll il-fatt illi l-parti offiża jiġi missier il-ġar tal-imputat, li huwa s-sid tad-dar li tinsab bieb ma' bieb mar-residenza tal-imputat u għalhekk jeħtieġ li l-Qorti tipprovdi b'mod effettiv għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Mario Grech li jirriżulta li ġie aggredit waqt li kien qed jaħdem fid-dar ta' ibnu minn persuni li evidentement ma kellhom l-ebda jedd jidħlu fuqu wisq anqas jattakkawh.

.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija f'JUDA THADDEA BORG għal ebda wieħed mir-reati lilha addebitati u tillberaha minn kull ħtija u piena, u filwaqt li ma ssibx ħtija f'WAYNE BORG għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah mit-tieni imputazzjoni[16], wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil WAYNE BORG ħati tal-ewwel imputazzjoni[17] u tikkundannah tmintax (18)-il xahar priġunerija iżda bl-**

---

[16] Ċitazzjoni f'paġna 76 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[17] Ċitazzjoni f'paġna 76 tal-atti tal-kompilazzjoni.

**applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti, fi żmien tliet (3) snin, reat ieħor punibbli bil-priġunerija.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati, WAYNE BORG, għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' MARIO GRECH, għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil WAYNE BORG għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż kollha li jistgħu jiġu intaxxati mir-Reġistratur rappreżentanti l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti fil-proċeduri**[18].

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-iskop maħsub fl-artikolu 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-iskop maħsub fl-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 382A(2) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[18] Dr. Edward Cherubino.